MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2007

Citazzjoni Numru. 268/2007

**Av. Peter Fenech bhala Mandatarju specjali tas-socjeta estera Nokia Corporation**

**vs**

**L-Avukat Dottor Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja b'digriet tat-28 ta' Marzu 2007 gew nominati Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti socjeta esportatrici Tools Trading u lill-kunsinjatarju Banque Al Baraka D'Algerie**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attur nomine fid-9 ta' Marzu, 2007, li *in forza* taghha, wara li ppremetta :

Illi s-socjeta rikorrenti hija l-proprjetarja tad-drittijiet registrati l-Ufficcju tal-Proprjeta' Industrijali ta' Malta msejjha 'NOKIA', liema dritt gie registrat f'Malta fit-tmintax

(18) ta' Ottubru elfejn u wiehed (2001), u moghtija n-numru ta' registrazzjoni 33323 u 33324 (Dok NCI u NC2);

Illi fit-tnax (12) ta' Frar tas-sena elfejn u sebgha (2007) r-rikorrenti nomine gie infurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles Marsaxlokk, Malta, huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-container bin-numru INKU 2664103 li dahal gewwa l-Port Hieles fuq il-vapur CMA CGM MOZART liema container kien fih total ta' tlett mija u wiehed u hamsin elf (351,000) *mobile phone covers* u ghaxar t'elef (10,000) *mobile phone batteries* (Dok NC3) kollha bil-marka 'NOKIA', u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravjenu dritt ta' proprjeta' intellewali;

Illi mill-kampjuni li ttiehdu mir-rikorrenti nomine jirrizulta li l-accessorji tal-mobile hawn qabel indikati u mizmuma taht l-awtorita' tal-Kontrollur tad-Dwana huma fil-fatt kontraffazzjonijiet ghar-raguni li fihom il-marka 'NOKIA' u kienu gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta' Nokia Corporation, u ghalhekk jikkontravvjenu d-drittijiet ta' propjeta intellewatli ta' Nokia Corporation (Dok NC4);

Illi r-rikorrenti nomine talab lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jiddetjeni l-merkanzija suspettata gewwa Malta (Dok NC5) sabiex a tenur ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta huwa jipprocedi civilment ghall-decizjoni dwar in-natura tal-merkanzija detenuta;

Illi din il-merkanzija inqabbdet mill-Port Hieles ta' Malta u l-Kontrollur tad-Dwana jaf li l-kunsinjatarju tal-merkanzija huwa Banque Al Baraka D' Algerie minn Setif, Algeria, dan skond dak citat fil-polza ta' taghbija numru GZ2158725 (Dok NC6);

Illi, l-azzjonijiet tal-intimati jiksru d-disposizzjonijiet ta' l-artiklu 4 tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ta' l-artiklu 10 (2) (b) ta' l-Att Dwar it-Trademarks (Kap 416) u huma azzjonabbli b'applikazzjoni tad-disposizzjonijiet rilevanti ta' l-artikli 14-19 tal-istess Kap 416 u l-artikli 7 u 8 ta' l-istess Kap. 414;

Illi s-socjeta rikorrenti ghandha kull interess li tippromwovi din l-azzjoni gudizzjarja sabiex tikkawtela u tenforza l-jeddijiet taghha;

Talab lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1 Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'accessorji tal-mobile senjatament it- tlett mija u wiehed u hamsin elf (351,000) *mobile phone covers* u l-ghaxar t'elef (10,000) *mobile phone batteries* li fuqhom hemm l-marka 'NOKIA', u li jinsabu prezentement taht l-awtorita' tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-container bin-numru INKU 2664103 kontenenti l-imsemmija accessorji tal-mobile, huma kontrafatti u jikkontravjenu d-drittijiet ta' proprjeta intelletwali tar-rikorrenti fir-rigward tat-trademarks taghha 'NOKIA' moghtija n-numru ta' registrazzjoni 33323 u 33324 (Dok NC 1 u NC2);
2 Tordna lilI-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali accessorji tal-mobile 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludu xi hsara lir-rikorrenti, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-accessorji tal-mobile, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez ta' l-intimati;
3 Tiehu u tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-accessorji tal-mobile kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-intimat mill-beneficcji ekonomici ta' transazzjoni;
4 Tordna li l-intimati ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati ai termini tat-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport ta' l-imsemmija accessorji tal-mobile ghall-hazna f'Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, *tat-tallying* u tal-ispejjez dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana kif ukoll tat-trasport mill-lok tal-hazna ghall-lok eventwali ta' distruzzjoni inkluz l-ispejjez inkorsi ghad-distruzzjoni finali ta' l-istess accessorji tal-mobile;

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati, li *in forza* taghha huma eccepew :

1 Illi l-eccipjenti ma ghandhiex u qatt ma kellha ebda rapport guridiku mas-socjeta' attrici u ghandha ghalhekk tigi liberata millosservanza tal-gudizzju.
2 Illi sussudjarjament u f'kaz ta' ezitu negattiv tal-ewwel eccezzjoni l-esponent tirriserva d-dritt illi tikkontrolla l-ezistenza u l-kwantum tal-pretenzjoni attrici mill-provi eventwalment rakkolti minn din il-kawza.

Rat ir-risposta mahlufa tal-konvenuti nomine li *in forza* taghha huwa eccepew :

Illi f'dan l-istadju ma humiex edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jippresentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirrnexxilhom jikkomunikaw mas-socjetajiet minnhom rappresentati u ghal dan il-ghan ir-rikkorrenti noe ghandu jghaddi lill-esponenti kull indirizz li jista ghandu tas-socjetajiet intimati.

Rat il-provi li tressqu u id-dokumenti esebiti;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat :

Irrizulta illi l-Avukat Dottor Peter Fenech huwa mandatarju specjali f'Malta tas-socjeta estera Nokia Corporation, u illi l-istess socjeta' Nokia Corporation hija il-proprjetarja tad-drittijiet registrati l-Ufficcju tal-Proprjeta' Industrijali ta' Malta msejjha 'NOKIA'.

Illi fit-tnax (12) ta' Frar tas-sena elfejn u sebgha l-attur nomine gie infurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-iskrutinji li kien qieghed jaghmel fil-Port Hieles Marsaxlokk

kien issosspenda r-rilaxx tal-container bin-numru INKU 2664103 li kien dahal fil-Port Hieles fuq il-vapur CMA CGM MOZART liema container kien fih total ta' tlett mija u wiehed u hamsin elf (351,000) *mobile phone covers* u ghaxar t'elef (10,000) *mobile phone batteries* kollha bil-marka 'NOKIA', u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravjenu dritt ta' proprjeta' intellewali.

Illi din il-merkanzija inqabbdet mill-Port Hieles ta' Malta u l-Kontrollur tad-Dwana sar jaf li l-kunsinjatarju tal-merkanzija huwa Banque Al Baraka D' Algerie minn Setif, Algeria.

Illi l-attur nomine irnexxielu jipprova illi l-Kontrollur tad-Dwana baghatlu xi kampjuni tal-prodotti suspettati foloz u s-socjeta' estera Nokia Corporation qabdet espert, certu Kari Ronkko, u wara illi ezamina xi samples ta' l-oggetti maqbuda ikkonferma li dawn is-samples kienu kontrafatti u ma kienux gew manufatturati jew prodotti bil-kunsens, jew taht l-awtorita tas-socjeta' estera Nokia Corporation.

Illi l-kuratur deputat Dr Anthony Cutajar iddikjara waqt is-seduta tas-6 ta' Gunju 2007 illi huwa kien baghat ittra lir-rapprezentanti tieghu fl-indirizz indikat fil-bill of lading anness mar-rikors guramentat izda ma kien irceva l-ebda risposta. L-attur nomine waqt is-seduta iddikjara li ma kellu l-ebda indirizz iehor x'jaghti lill-kuratur deputat Dr Anthony Cutajar. Dr Anthony Cutajar iddikjara li ma kellux aktar provi xi jressaq u l-Qorti giet awtorizzata sabiex tghaddi ghas-sentenza fuq il-provi li ghandha.

Illi wara li l-Qorti qieset il-provi prodotti u l-fatti fuq imsemmija ma dak li tipprovdi l-ligi waslet ghas-segwenti konkluzzjonijiet :

a. il-kumpannija attrici hija detentrici ta' dritt li ghalih japplika l-Att VIII tal-2000, u dan kif imfisser fl-artikolu 2 tieghu;

b. illi l-oggetti mnizzla l-art f'Malta ma kellhomx marka li saret bil-kunsens tal-kumpannija estera attrici u lanqas

jidher li gew manufatturati bil-kunsens taghha, u dan ghall-finijiet tal-artikolu 3 tal-imsemmi Att;

c. li d-dhul tal-imsemmija oggetti huwa projbit, ladarba jikser il-jeddijiet tal-kumpannija attrici;

d. jidher li l-kumpannija estera attrici wettqet ukoll l-obbligi taghha dwar taghrif moghti lill-awtoritajiet kompetenti f'Malta ghall-finijiet tal-artikolu 5 tal-Att;

e. it-talba tal-kumpannija estera attrici biex il-konsenja ta' oggetti *in kwistjoni* tigi meqruda hija wahda mill-effetti li l-ligi tahseb ghalihom dwar id-dhul f'Malta ta' hwejjeg falsifikati li jiksru l-jeddijiet ta' proprjeta' intellettwali ta' xi persuna, kif imfissra fl-artikolu 2 tal-Att; u

f. il-falsita' tal-imsemmija mobile phone covers u mobile phone batteries tinsab ippruvata fi grad tekniku bizzejjed, u ammissibbli fil-ligi, li l-Qorti ma thossx il-htiega li tahtar espert biex jaghmel kostatazzjonijiet ohrajn, minghajr ma tkun qeghda b'hekk izzid l-ispejjez inutilment;

Illi ghalhekk il-Qorti ssib illi l-attur nomine wera tajjeb bizzejjed illi s-socjeta estera attrici kellha ragun temmen illi l-mobile phone covers u l-mobile phone batteries illi ddahhlu f'Malta kif fuq inghad kienu jiksru l-jeddijiet intellettwali taghha kif imharsa minn qabel mill-awtoritajiet Maltin, u li l-helsien taghhom mill-Kontrollur tad-Dwana jkun ifisser telf finanzjarju kbir li ma jkunx hafif ghaliha li taghmel tajjeb ghalih jekk mhux biz-zamma ghal dejjem taghhom jew bil-qerda taghhom, ukoll jekk kien mahsub li l-ahhar destinazzjoni kienet sejra tkun f'pajjiz iehor barra minn Malta.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa' l-ewwel talba attrici, tilqa ukoll it-tieni talba attrici ghall-qerda ta' dawn l-accessorji tal-mobile u tipprefiggi terminu ta' hmistax-il gurnata tax-xoghol mill-lum sabiex il-Kontrollur tad-Dwana jiddistruggi l-accessorji tal-mobile in kwistjoni, tilqa wkoll it-tielet talba attrici u tilqa ukoll ir-raba talba attrici.

Bl-ispejjez, kontra l-konvenuti nomine, b'dan li provizzorjament id-drittijiet tal-kuraturi deputati ghadhom jithallsu mill-attur nomine.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------